MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2010

Numru 291/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**vs**

**GRACE CINI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Grace Cini ta' 34 sena, bint Joseph u Jane nee' Azzopardi, imwielda Pieta', fis-16 ta' April 1971, u li toqghod f'St.Peter's Court, Black C Flat 7, Triq l-Isponoz, Bugibba. Detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 200971M.

Billi giet akkuzata:

Talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn 6 ta' Frar 2006 u it-08 ta' Frar 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. ikkommettiet serq ta' cashlink tal-Bank of Valletta p.l.c., ghad-detriment ta' Qi Xing Zhao detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 27863(A) u xi persuni ohra.

2. talli iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 167(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. talli xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (2)
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, igann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' anqas minn Lm1,000 bi hsara ta' Qi Xing Zhao u persuni ohra
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC1 u nnutat li l-imputata Grace Cini m'ghandix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija fl-istqarrija taghha.

In oltre l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara li kkonsulta ruhu mas-Sur Romwald Attard, bhala Rapprezentant tal-Bank of Valletta prezenti fl-Awla, dwar l-ammont dovut rigwardanti dan il-kaz mill-imputata lill-Bank of Valletta plc, l-ammont dovut huwa ta’ Euro 2274.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata idikjarat li qed tobbliga ruhha li thallas is-somma ta’ Euro 2274 dovuta minnha lill-Bank of Valletta plc rigwardanti dan il-kaz b’mod rateali ta’ mhux inqas minn Euro 50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir sal-31 ta’Awwissu, 2010.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 284, 285, 167, 169, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Grace Cini, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li qed tobbliga ruhha li thallas is-somma ta’ Euro 2274 dovuta minnha lill-Bank of Valletta plc rigwardanti dan il-kaz b’mod rateali ta’ mhux inqas minn Euro 50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir sal-31 ta’ Awwissu, 2010 u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Grace Cini ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u

tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputata Grace Cini tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Grace Cini l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal- Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------